# L-IŻVILUPP TAL-MALTI U L-KITBA TIEGĦU

Huwa bi pjaċir u b'ċertu sens ta' sodisfazzjon, li wieħed jara, il-lill-Malti u 'l-kitba tiegħu jiżdiedu, jissaħħu u jimxu 'l quddiem kif qegħdin. Illum, il-qari bil-Malti, kemm permezz tal-letteratura, kemm permezz tal-qari ta' ġurnali li daħal sewwa fost il-poplu, kif ukoll bil-kitba għat-tfal li 'trawwem pubbliku li jaqra, il-Malti daħal sewwa fil-moħħ tal-poplu u fil-kultura tiegħu ħafna iktar minn qatt qabel, taqta' xi ftit bigotti u anakronistiċi li għadhom marbuta mal-preġudizzji ta' l-antik.

Wieħed ma jistax ma jfakkarx ir-rabta qawwija li hemm bejn l-indipendenza u l-ħelsien politiku ta' poplu u l-iżvilupp ta' l-ilsien u l-kultura tiegħu. Dawn huma żewġ strumenti mill-aktar fejjieda li lill-poplu jagħtuh identità. Hekk ġara f'Malta tagħna: ħaġa li tqawwi 'l-qalb ta' kull wieħed minna, għax jara li bl-indipendenza nazzjonali u l-ħelsien mill-barrani, qiegħda tiżviluppa ruħha kultura ġdida Maltija u lsienna, l-Ilsien Malti, qiegħed jissaħħaħ, jissoda u jimxi 'l quddiem. Dan jassigurana li l-ilsien Malit żgur mhux ser imut - għall-inqas fiż-żmien li nistgħu nbassru, – u anqas baqagħlu l-bżonn ta' min jinfurzah b'liġijiet fuq il-poplu bħal xi pajjiżi u nazzjonijiet oħra, jew bħalma kien il-każ qabel.

Dan ma jnaqqasx mill-fatt li ħafna Maltin, u forsi iktar minn qatt qabel, iħossu l-bżonn li jkunu jafu jitkellmu, u anke forsi jaqraw u jiktbu, ilsna barranin. Il-Kostituzzjoni ta' Malta Repubblika stess tirrikonoxxi 'l-Malti u 'l-Ingliż bħala ilsna uffiċjali ta' pajjiżna, u 'l-Ingliż, barra li hu mitkellem, mismugħ, moqri u miktub ħafna, jiġi mgħallem fl-iskejjel lit-tfal kollha sa mill-ewwel snin. Deħlin ukoll influwenzi qawwija mit-Taljan permezz tat-televiżjoni, tal-kummerċ u ta' l-ivvjaġġar. U dieħla wkoll, sa ċertu punt, influwenza sottili Għarbija – għalkemm din għadha ma tidhirx u ma tinħassx daqs l-oħrajn – bl-orizzonti ġodda li fetħet is-soċjetà Maltija lejn kulturi barranin. Fl-aħħarnett, u mhux l-inqas, il-livell soċjo-kulturali tal-Maltin għola ħafna f'dawn l-aħħar żminijiet; il-kittieba u l-istudjużi tagħna fetħu moħħhom lejn kulturi u ilsna ġodda; il-poplu nfatam mid-dipendenza kulturali minn ilsna barranin imposti fuqu minn amministrazzjonijiet barranin – u llum qiegħed f'kuntatt ma', u japprezza iktar, kulturi u ilsna oħra mingħajr ma jrid jitlef, jew ibaxxi, l-ilsien u l-kultura ta' art twelidu.

Imħabba dan kollu, fl-istess ħin, l-ilsien Malti, bħall-ilsna ħajjin kollha, qiegħed bil-mod il-mod ukoll jitbiddel. Jitbiddel biż-żieda ta' kliem, espressjonijiet, idjomi, sintassi u ħsieb li hu jdaħħal mill-ilsna barranin l-iktar li jogħġbuh, qiegħed f'kuntatt magħhom u

jitkellimhom. Jitbiddel ukoll billi, f'dan l-istess proċess, iwaqqa', jitlef jew jirrestrinġi t-tifsir ta' kliem, espressjonijiet, idjomi u ħsieb oħra. Bħala eżempji, fuq fuq insemmu, li llum kważi ebda Malti ma għadu jgħid "sjett", "żir" jew "kelb" (spanner).

Ma jidhirlix li għandna nfettqu wisq fuq kliem li dieħel minn barra fil-Malti mitkellem. La nistgħu u anqas għandna nżommu l-progress. Ma jidhirlix li l-Malti sejjer jintilef jew imut b'daqshekk, bħalma ma ntilifx u ma mietx bil-kuntatti daqstant ieħor qawwija li kellna minn ilsna oħra qabel. It-tibdil hu żvilupp; hu progress. Hu, fuq kollox, ir-riżultat ta' moħħ attiv. Wieħed irid, madankollu, jħoss ir-responsabbiltà li, mħabba l-fatt li l-mexxejja ta' poplu, il-kittieba, ix-xandara, l-għalliema u nies bħal dawn għandhom influwenza kbira fuq il-poplu – għax fil-biċċa l-kbira tal-każi, l-iżvilupp ta' lingwa jimxi mill-klassi soċjali għolja għall-klassi soċjali iktar baxxa u mhux bil-maqlub – dawn għandhom ikunu konxji tar-responsabbiltà tagħhom lejn ilsien arthom, imrawma sewwa fil-kultura u fil-qawwa tal-kelma, kif ukoll f'dak li hu stil oratorju jew letterarju, u jidħlu fil-kunċett li jippreferixxu jużaw kelma Maltija fejn din taqdi dak li jkunu jridu jfissru.

Wieħed għalhekk ukoll jistenna li dawn in-nies, qabel kull ħadd-ieħor, għandhom ikunu mgħallma sewwa l-Malti u l-użu tiegħu, u għandhom iħossuhom fid-dmir li jorqmu d-diskors u l-kitba tagħhom bħala parti mill-kontribut tagħhom lejn il-ġid komuni ta' wirt il-poplu. Dawn in-nies għandhom iħossu l-amor proprju li fil-kliem tagħhom, u fil-kitba tagħhom toħroġ ukoll il-persunalità u l-karattru tagħhom, il-ħsieb u l-kultura tagħhom u s-sens ta' dmir li għandhom lejn pajjiżhom u l-poplu tiegħu.

Għandna nħarsu b'mod pożittiv lejn is-sitwazzjoni bilingwali ta' pajjiżna. L-iktar dawk li jħobbu l-Malti u l-għalliema, kif ukoll il-mexxejja u l-intelliġenzja, għandhom iżommu quddiem għajnejhom li dawn iż-żewġ lingwi huma bħal binarji ta' ferrovija, jimxu parallellament flimkien u xi kultant jaqsmu lil xulxin ukoll fl-iżvilupp kulturali, ekonomiku, kummerċjali u anke soċjali tan-nazzjon Malti. Għandna nikkultivawhom it-tnejn u nimmiraw lejn l-eċċellenza fit-tnejn. Jekk ikollna ngħabbru keffa, ngħabbru, bla tlaqliq ta' xejn, il-keffa ta' l-ilsien Malti, għax dan hu l-ilsien nazzjonali kif ukoll l-ilsien mitkellem tal-Maltin kollha. U għandna ngħinu bis-sħiħ biex din il-lingwa nazzjonali tissoda u tissokta tiżviluppa ruħha.

Il-kittieba Maltin qegħdin jagħmlu dmirhom, u ta' min ikompli jinkoraġġihom: qatt daqs dan iż-żmien ma nkitbu, u qegħdin jinkitbu, daqstant kotba bil-Malti, u l-kittieba Maltin kissru l-ktajjen li kienu qegħdin jorbtuhom mal-letteratura tradizzjonali u introversa Maltija u bdew jixorbu minn kulturi barranin bl-ideat ġodda tagħhom.

Qegħdin ukoll naraw żvilupp fil-kumpilazzjoni u l-istampar ta' kotba ta' grammatika u taħriġ lingwistiku għat-tfal (għalkemm dawn

hemm ħafna wieħed xi jgħid fuqhom). Bi pjaċir naraw jistampaw ruħhom perjodiċi, 'newsletters', karti volanti, u mezzi oħra ta' dir il-kwalità li jilħqu kważi kull sezzjoni tal-poplu. Dan ix-xogħol ta' fejda għandna nkomplu ninkuraġġuh. Imma ta' min ukoll jinvestiga fejn għad baqgħalna naħdmu u fejn għad hemm xi diżgwid biex kemm jista' jkun negħilbuh u neliminawh.

Għalkemm il-Malti għamel, u qiegħed jagħmel, dan l-iżvilupp kollu, irridu ngħidu li għad baqa', kemm fl-imħuħ ta' parti mill-poplu (sfortunatament litterat), u kemm f'dak li għandu x'jaqsam mat-tagħlim tal-Malti, mhux ftit ideat antiki, antikwati, anakronistiċi u fossilizzati, biex ma ngħidux retrogradi. Hawn ħafna li jiktbu l-Malti kif jidhrilhom mingħajr ma jissuġġettaw ruħhom għad-dixxiplina tar-regoli ta' l-ortografija tiegħu, biex ma nsemmux lil dawk li kapriċċożament joħorgu bir-regoli tagħhom. Hawn oħrajn li jgħidu, jew aħjar iġibu l-iskuża, li l-Malti hu tqil biex tiktbu u m'għandhomx żmien jistudjaw l-ortografija tiegħu. Ukoll, fit-tagħlim, jidher li għadna nikkonċentraw wisq fuq ir-regoli u l-grammatika f'età tenera a skapitu ta' trawwim iktar serju fil-komunikazzjoni u l-kreattività; jidher li iktar ngħallmu lit-tfal *kif* jaqraw milli japprezzaw is-sbuħija u l-valur tal-qari; spiss nintilfu wara taħriġ u eżerċizzi ta' rutina u dedut-tivi, minflok ma nrawmuhom b'eżerċizzi ggradati u ppjanati sewwa biex jiżviluppaw il-ħsieb tagħhom u l-kelma Maltija.

Jidhirli li għandna din il-kontradizzjoni kbira fir-rigward tat-tagħlim u l-iżvilupp tal-Malti fost il-poplu, speċjalment f'dak li għandu x'jaq-sam mal-kitba tal-Malti. Wieħed jinnota, per eżempju, li l-ortografija tal-Malti għadha nieqsa fost il-kbar, inklużi professjonisti, skrivani, ġurnalisti u nies oħra li jixirqilhom ikunu jafu jiktbu bil-Malti sewwa. Fl-istess ħin, bħalma għedna iżjed 'il fuq, jinħass ukoll li fit-tagħlim l-ilsien Malti ma nħarsux lejh bħala l-mezz tal-komunikazzjoni fost il-Maltin, iżda għadna marbutin ħafna ma' kif ngħallmuh biex it-tfal jitgħallmu jaqrawh u mat-tagħlim ta' l-ortografija tiegħu. Wieħed jista' jikkonkludi li t-tagħlim ta' l-ortografija fl-iskejjel m'hux qiegħed jiġi mgħallem sewwa, it-tagħlim ma jkunx komplit, forsi nie-qes il-bini ta' sillabu ggradat u komprensiv... Jien għandi ideat oħra.

Għad hawn skejjel fejn il-Malti għadu jingħata importanza sekon-darja, u t-tagħlim tiegħu hu ristrett għat-tagħlim tal-qari u xi ftit eżerċizzi fuq kotba stampati ta' valur dubbjuż. Hawn skejjel oħra fejn it-tagħlim tal-Malti jikkonċentra biss fuq taħriġ għall-eżamijiet pub-bliċi. Dan m'għandux ikun f'pajjiż fejn il-Malti hu l-ilsien mitkellem tal-poplu. Għandna nittrattaw 'il-Malti fl-iskejjel tagħna bħalma l-Ingliżi jittrattaw 'l-Ingliż fl-iskejjel tagħhom, it-Taljani lit-Taljan, il-Franċiżi lill-Franċiż, eċċ. Tassew li għadna neqsin minn kotba ta' taħriġ tajba u moderni, minn metodi xjentifiċi u progressivi ta' tagħlim, u minn riċerka fuq il-pedagoġija ta' l-ilsien u l-iżvilupp tat-tfal fih. Hemm bżonn dan ix-xogħol kollu li jaqleb it-tagħlim tal-

Malti mill-ideat li daħlu fit-tagħlim, għax kellhom jidħlu, fl-1934-39, għal tagħlim modern li jħares lejn il-Malti bħala l-mezz ta' komunikazzjoni ewlieni tal-Maltin u l-iżvilupp tal-moħħ u l-intelliġenza tagħhom.

It-tininett, u hu hawnhekk forsi fejn l-Akkademja tal-Malti għandha tidħol b'ruħha u b'ġisimha, hemm bżonn li l-kbar jagħmlu iktar attenzjoni fl-ortografija tal-Malti. Kemm iddoqq imġelġla kitba bil-Malti b'ortografija ħażina fost nies kolti, mexxejja tan-nazzjon, professjonisti, skrivani mal-Gvern, u nies oħra li wieħed jippretendi li għandhom ikunu jafu jiktbu, u jiktbu, bil-Malti tajjeb! Jekk tassew kif igħid l-Ingliż: *"Style is the man"*, jiddispjaċina ninnutaw li fis-soċjetà Maltija għad hawn ħafna nies influwenti li juru negliġenza kbira fl-ortografija Maltija: ma rridux ngħidu li din hi wirja ta' negliġenza fil-personalità u x-xogħol tagħhom.

Għamel kemm għamel żvilupp l-ilsien Malti lingwistikament, kulturalment, letterarjament u xjentifikament, ikollna nammettu li baqgħet magħna l-problema ta' l-ortografija. Għad baqa' ħafna nies f'Malta li, sfortunatament, ma jiktbux l-ilsien standardizzat. Jien inħoss li għandna nkunu iktar konxji tal-bżonn li neradikaw darba għal dejjem dan in-nuqqas, jekk hemm bżonn bil-koerżjoni. Ma nistax inġerragħ li f'pajjiż li għandu l-ilsien uffiċjali tiegħu, ilsien nazzjonali, u fis-sena li qegħdin ngħixu fiha, kitba saħansitra uffiċjali, amministrattiva u/jew legali għandha tibqa' tidher miktuba ortografikament ħażin. Barra minn dan għandha ssir kampanja biex tqajjem fost il-poplu kollu l-ħajra, ir-rieda u l-amor proprju biex kulħadd jitgħallem jikteb Malti tajjeb. L-Akkademja tal-Malti għamlet pass ta' ġgant lejn dan il-għan meta stabbilixxiet iż-Żieda mat-*"Tagħrif"* f'dak li jirrigwarda l-ortografija ta' kliem li daħal fil-Malti minn ilsna Rumanzi u Anglo-Sassoni – ħaġa li l-bżonn tagħha kien ilu jinħass u kien jippressa fuq il-lingwa. Issa għandna nkomplu dan il-pass siewi billi b'mezzi xierqa nqanqlu f'qalb il-poplu l-bżonn u l-kobor nazzjonali li kulħadd jikteb skond il-mod konvenzjonali stabbilit fil-pajjiż.

**J. Zammit Mangion**